# Il-pesta f'Malta tal-1945

## *L-ewwel każ kien rappurtat fil-Ħamrun*

**Keith Micallef**

Il-pesta f'Malta hi l-aktar assoċjata ma' epidemiji li kienu faqqgħu mijiet ta' snin ilu bl-aktar waħda riċenti tkun dik ta' bejn l-1813 u l-1814. Hu stmat li minn popolazzjoni li dak iż-żmien kienet tgħodd mal-100,000 persuna, il-pesta kienet ħalliet madwar 4,500 vittma.

Madankollu, madwar 70 sena ilu il-pesta kienet reġgħet feġġet, eżattament fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Dawn il-każi fosthom fl-inħawi tal-Hamrun, Hal Qormi, l-Imsida, Birkirkara u l-Marsa, għalkemm ferm inqas fin-numru minn dawk ta' 140 sena qabel kienu ġew rapurtati b'ċertu prominenza f'rivista xjentifika internazzjonali – The Journal of Hygiene Vol. 46 No.1 - f'Marzu tal-1948.

L-artiklu bit-titlu 'Rat control in a plague outbreak in Malta' kien inkiteb minn S.A. Barnett, mill-Ministry of Food Infestation Control, f'Londra. L-interess fis-sitwazzjoni f'Malta kien ġej mill-fatt li dak iż-żmien kienet kolonja Ingliża u għalhekk ta' interess dirett lill-awtoritajiet Ingliżi.

Minn dan l-istudju jirriżulta li l-pesta bubonika f'Malta kienet faqqgħet f'Ġunju tal-1945, xahar biss wara tmiem il-gwerra. Fuq talba tal-Ministeru tal-Kolonji, l-awtur kien ġie għal tmien ġimgħat f'Malta, bejn Awwissu u Settembru tal-istess sena. Il-missjoni tiegħu kienet li jagħti pariri lill-awtoritajiet Maltin dwar kif tista' tinstab soluzzjoni għall-popolazzjoni tal-ġrieden infettati li kienu s-sors ta' din l-epidemija.

Id-dokument pubblikat f'din ir-rivista kien jagħti elenku tar-riżultati miksuba wara numru ta' ġimgħat. L-awtur kien ikkummenta li s-suċċess miksub f'din il-kampanja ta' qerda tal-ġrieden kien se jgħin mhux ftit biex ikunu indirizzati problemi simili f'partijiet oħra tad-dinja.

Jirriżulta li l-ħitan tas-sejjieħ kienu problema ewlenija minħabba li l-ispazji ta' bejn il-ġebel irregolari kienu joffru ambjent tajjeb ħafna biex ibejtu l-ġrieden. Kien irrimarkat ukoll li dak iż-żmien il-popolazzjoni Maltija kienet ta' 243,500, b'densità ta' 2,526 kull mil kwadru – tliet darbiet iktar mill-Ingilterra. Għalhekk il-problema tal-ġrieden f'Malta kienet ġiet identifikat bħala waħda ta' pajjiż bi klima sub-tropikali u b'densità ta' popolazzjoni għolja.

Jirriżulta wkoll li l-aħħar każi ta' pesta qabel dawn li qed nitkellmu dwarhom kienu jmorru lura għas-snin 1936-7 meta fuq perjodu ta' 13-il xahar kien hemm 33 każ li minnhom kien hemm 12-il vittma. Hafna minn dawk milquta kienu persuni involuti fil-ġbir tal-iskart.

Fil-każ tal-epidemija li faqqgħet fl-1945, l-ewwel każ kien rapurtat fis-17 ta' Ġunju propju fil-Ħamrun. Fi ftit żmien, deher ċar li l-aktar lokalitajiet milquta kienu z-zona tal-port fil-Marsa, parti minn Birkirkara u Bubaqra fil-limiti taż-Żurrieq. Bħalma kien seħħ fil-passat kien hemm inċidenza qawwija fost dawk li kienu jimxu ħafja f'ambjenti maħmuġin li kienu jżommu fihom insetti perikolużi.

Fil-każ ta' Bubaqra, kienu rapurtati tliet każi fi Triq it-Torri fejn kien hemm ukoll tliet miżbliet privati. Minn 13-il każ f'din il-lokalità, tlieta kienu jiġbru l-iskart, ieħor iben ta' xi ħadd li kien jagħmel dan ix-xogħol u ħamsa oħra li kellhom xi forma ta' kuntatt mas-servizz tal-ġbir tal-iskart ukoll.

Skont mappa li kienet pubblikata ma' dan l-istudju fil-Ħamrun kien hemm ħames każi ta' pesta, wieħed fl-inħawi ta' fejn hemm l-istazzjoni tal-ferrovija, u l-erbgħa l-oħra fix-xaqliba l-oħra viċin Santa Venera fejn Triq il-Kanun. Fil-Ħamrun ukoll kienu rappurtati seba' każi ta' ġrieden infettati bit-tifu. Dawn il-każi kienu fil-maġġoranza




*Mappa li turi l-każi ta' pesta rappurtati f'Malta bejn l-1945 u l-1946.*

tagħhom f'postijiet rurali, minħabba li l-Hamrun dak iż-żmien kien għadu mhux żviluppat daqshekk.

Sat-23 ta' Diċembru tal-1945 kien hemm b'kollox 75 każ f'Malta, li minnhom 20 kienu fatali. Minn wara dik id-data kien hemm biss ħames każi oħra bl-aħħar tnejn f'Ħaż Żebbuġ fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju tal-1946. Iċ-ċifri finali ta' din l-epidemija tal-pesta kienu 80 każ li minnhom 22 kienu fatali. Dan ifisser rata ta' mortalità ta' 27.5 fil-mija. Madankollu, f'Għawdex ma kienx hemm każ wieħed.

Matul dan iż-żmien kienu qed isiru wkoll testijiet fuq ġrieden mejta. F'temp ta' sena bejn Ġunju tal-1945 u Ġunju tal-1946 kienu eżaminati 22,902 iġrieden, li 20 minnhom biss kienu infettati bil-pesta. Jidher għalhekk li kuntrarjament għall-bniedem ir-rata tal-mortalità fost il-ġrieden kienet baxxa ħafna. Dawk infettati kienu instabu f'Bubaqra (4), Victualling Yard (2) fejn illum hemm il-Vittoriosa Marina, it-tarzna (7), Ħaż Żabbar (2), u ż-Żurrieq, Bormla, Ħal Qormi, il-Belt u Triq Corradino f'Raħal Ġdid.

L-istudju kien ukoll iffoka fuq il-miżuri li kienu ttieħdu hekk kif feġġet l-epidemija. Dan kien sar permezz nases fl-inħawi tat-tarzna u siti oħra fl-inħawi tal-port kif ukoll permezz ta' velenu. Madankollu l-ivvalenar kien sar f'żewġ fażijiet, billi l-ewwel beda jitpoġġa l-ikel li wara l-ħames jew sitt jum beda jiġi miżjud bil-velenu. Wara dan iċ-ċiklu fuq ġimgħatejn, reġa' beda ċiklu ġdid b'ikel differenti. Madankollu kien innotat li n-nases kellhom suċċess limitat u ma kinux daqshekk effikaċi. Fil-fatt fit-tarzna kienu nqabdu 10,000 ġurdien fl-1945 biss permezz ta' dan il-metodu imma l-popolazzjoni ftit li xejn kienet naqset.

Sadattant kienet saret ukoll ħidma biex titneħħa l-infestazzjoni tal-ġrieden fis-sistema tad-drenaġġ. F'dan is-sens l-ewwel prijorità kienet ingħatat parti minn Birkirkara, parti mill-Hamrun u l-Imsida kollha, iż-żona tal-port fil-Marsa u t-tarzna. F'dak li għandu x'jaqsam ma' Bubaqra li kienet milquta bil-kbir diġà kien sar programm qawwi bħal dan f'Lulju tal-1945 u sa xahrejn wara ż-żona ma kinitx għadha infestata.

Permezz ta' dawn il-miżuri kien sar progress kbir tant li fuq medda ta' erba' xhur il-pesta kienet eliminata. Barra minn hekk kienet ġiet ikkontrollata l-infestazzjoni tal-ġrieden tant li f'Marzu tal-1947, l-ilmenti mill-Belt fejn ukoll kien hemm problemi, kien kważi naqsu għal kollox.

Madankollu l-awtur kien wissa li f'ċertu postijiet bħat-tarzna r-riskju li l-pesta terġa' tfeġġ kien għadu reali. Dan minħabba it-tifrik li kien għad hemm ta' żmien il-gwerra li kien ambjent fertili ħafna għall-ġrieden, kif ukoll il-preżenza ta' biċċiet ta' ikel li kienu jħallu warajhom, l-eluf ta' ħaddiema li dak iż-żmien kienu jaħdmu f'dik l-intrapriża. Kien innotat ukoll li s-suspetti li l-ġrieden kienu qed jidħlu min naħa tal-Isla, ma kinux fondati wara testijiet li kienu saru.

Fil-konklużjoni tiegħu l-awtur kien innota li l-miżuri li kienu ttieħdu Malta kienu servew ta' eżempju effettiv għall-mod kif tista' ssir kampanja kontra epidemija kif ukoll biex jitħarsu l-ħażniet tal-ikel tal-pajjiż.